# tberfil

Nadia Mifsud

jaf iberflek kultant is-skiet.
tibqa' tistad f'għajnejja,
tittama li tħarrek imqar ftit
tentufiet. trufijiet. *x'għandek*?
xejn. *kellimni, għid*. minfloki
twieġbek tikuża s-sekondiera
stinata tal-arloġġ, tgaralek
f'ħoġrok il-bogħod. iddarrbek
dil-birda. tfakkrek f'aħna tfal
— pizzi pizzi kanna — ma tafx
fejn (meta) se taħbat il-qarsa
li jmiss. ħarstek tixxellef, u leħnek
magħha. kattiva? forsi. forsi
le. hemm kantiku sħiħ fil-qastni
t'għajnejja — bla ebda virgola,
u punti mkien. imma l-ewwel
jeħtieġlek teħmed anki int biex
tintebaħ bih. jeħtieġlek titgħallem
ma tibżax mis-silenzji. af li żejjed
kultant il-kliem. tippruvax toħodhuli
das-skiet — ħlief lilu m'għandix.